MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2012

Numru. 734/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Gregory**
**Supretendent Sharon Tanti**

**vs**

**Anthony Rizzo**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Anthony Rizzo ta' 60 sena, bin il-mejjet Joseph u Concetta nee' Cirillo, imwieled Marsa fis-26 ta' Mejju 1943 u residenti f'Perth, Lower St. Albert Str., Gzira u detentur tal-karta tal-identita' numru 368243(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-28 t'Awwissu 2003, bejn San Giljan u tas-Sliema, ghall-habta tas-2am,
1. Minghajr ordni skond il-Ligi ta' Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet fejn fihom il-Ligi taghti s-setgha lil

privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil SS u dan sabiex, bhala mara gieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

2. B'ghemil zieni ikkorrompa lil SS, ta' sbatax-il sena.

3. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minorenni.

4. Offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar fil-pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 1 ta' Novembru 2004 (esebita a fol. 149 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 86 u 87 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali ;
(d) fl-artikolu 209 tal-Kodici Kriminali ;
(e) fl-artikoli 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tat-3 ta' Marzu 2005, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi f'dan il-kaz l-imputat jinsab addebitat b'imputazzjonijiet ta' arrest illegali, eghmil zieni li kkorrompa lil minorenni ta' sbatax il-sena, b'attentat vjolenti tal-istess minorenni u b'offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku. Dawn l-allegati reati sehhew bejn tas-Sliema u San Giljan fit-28 ta' Awwissu 2003 ghall-habta tas-2.00am u sehhew fuq studenta Germaniza ta' 17 il-sena, SS. L-allegata vittma xehdet f'dawn il-proceduri quddiem din il-

Qorti kif diversament presjeduta waqt l-udjenza tat-30 ta' Awwissu 2003[1] fejn xehdet in ezami kif ukoll in kontro-ezami u hija kienet xehdet ukoll quddiem il-Magistrat Inkwirenti, il-Magistrat Giovanni Griscti, fit-28 ta' Awissu 2003[2] fejn hija rrakuntat l-istess verzjoni tal-fatti, kif ser jirrizulta aktar l-isfel fil-korp ta' din is-sentenza. Fit-12 t'Ottubru 2006 meta din il-kawza kienet waslet fi stadju ta' provi tad-Difiza bdiet tinstema' minn din il-Qorti kif presjeduta stante li l-Magistrat li kienet qed tisma' l-kaz giet elevata ghal Imhallef fil-Qrati Superjuri. Waqt l-udjenza tas-16 ta' Marzu 2007 id-Difiza irrilevat li tenut kont tan-natura tal-kaz hija ma hassitx li setghat b'serenita' tezenta lill-Qorti kif presjeduta mill-htiega li tisma' l-allegata vittma f'dan il-kaz tixhed viva voce quddiemha. F'dan l-istadju l-Prosekuzzjoni talbet differiment sabiex tipprova tirrintraccja lill-vitma sabiex din tkun tista' terga' tixhed viva voce quddiem din il-Qorti kif presjeduta. Fl-udjenza tal-14 ta' Gunju 2007 l-Ufficjal Prosekutur infurmat lill-Qorti li hija ma rnexxilhiex tirrintraccja lill-vittma u l-kawza giet diferita sine die sakemm tigi rintraccjata l-imsemmija vittma. Permezz ta' rikors datat 3 ta' Mejju 2010[3] il-Prosekuzzjoni talbet il-hrug ta' ittri rogatorji ai termini tal-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali sabiex l-allegata vittma terga' tixhed f'dawn il-proceduri. Wara xi talbiet ghal differiment sabiex tirregola ruhha l-Prosekuzzjoni waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar 2011 irrilevat li f'dan il-kaz m'huwiex indispensabbli li terga' tixhed l-allegata vittma SS, rriteniet li fi kwalunkwe kaz jekk il-Qorti thoss il-htiega li terga' tisma' lil din ix-xhud barranijia dan seta jsir tramite l-procedura ta' ittri rogatorji skond kif kontemplat fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti dehrilha li ma kienx necessarju u opportun li jinhargu l-ittri rogatorji stante li din ix-xhud kienet diga' xehdet viva voce quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta u fi kwalunkwe kaz bil-procedura tal-ittri rogatorji din ix-xhud xorta wahda ma kinitx ser tixhed viva voce quddiemha.

---

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita fol. 9 sa 15 tal-atti processwali

[2] Traskrizzjoni tax-xhieda nserita a fol. 23 sa 46 tal-Proces Verbal inserit a fol. 98 tal-atti processwali.

[3] Rikors relattiv inserit a fol. 163 tal-atti processwali.

Waqt it-trattazzjoni finali li saret mid-Difiza fl-udjenza tat-8 ta’ Lulju 2011 l-istess Difiza irriteniet li stante li ma kienx hemm l-ezenzjoni minnha sabiex din il-Qorti kif presjeduta ma’ tergax tisma lil din ix-xhud viva voce dak li xehdet l-istess xhud viva voce quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta ma jistghax jigi ritenut li jifforma parti mill-atti processwali u ghalhekk il-Prosekuzzjoni ma tistghax isejjes il-kaz taghha fuq dak li qalet din ix-xhud.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha li l-ewwel u qabel kollox ghandha tikkunsidra u tissorvola dan il-punt procedurali sollevat mid-Difiza qabel ma tipprocedi sabiex tikkunsidra ulterjorment dan il-kaz fil-mertu.  Din l-hekk imsejha htiega ta’ ezenzjoni lill-Qorti milli terga’ tisma x-xhieda li jkunu nstemghu qabel ma jkun hemm bdil fil-gudikant ma tirrizultax minn ebda Artikolu tal-ligi izda din il-prassi bdiet tigi addottata wara li nghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fid-9 ta’ Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Peter Cordina) vs Joseph Bartolo”. F’dak il-kaz bhal fil-kaz odjern kien hemm bdil fil-gudikant minhabba li l-gudikant li sema’ l-provi kollha u anki t–trattazzjoni finali gie elevat ghal Imhallef fil-Qrati Superjuri u ghalhekk il-gudikant li gie assenjat il-kaz rega’ sema’ biss it-trattazzjoni finali u ghadda sabiex jipronunzja s-sentenza.  L-imputat f’dik il-kawza ntavola appell u wiehed mill-agravji tieghu kien li l-Qorti li tat is-sentenza fil-konfronti tieghu ma kinitx semghat il-provi la dawk tal-Prosekuzzjoni u l-anqas dawk tad-Difiza, inkluz lill-istess imputat/appellant. Dwar dan il-punt procedurali fl-imsemmija sentenza tad-9 ta’ Settembru 1999 il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:-

“Effettivament dak li gara kien li l-provi f’din il-kawza nstemghu <u>kollha</u> (inkluza, ghalhekk id-deposizzjoni tal-appellant, allura imputat) mill-Qorti tal-Magistrati – l-ewwel bhala Qorti Istruttorja u, wara l-kontro-ordni tal-Avukat Generali tas-6 ta’ Jannar, 1997 (fol. 153), bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali – presjeduta mill-allura Magistrat Dott. Patrick Vella.  Addirittura fil-31 ta’ Ottubru, 1997 il-

partijiet kienu anke ghamlu s-sottomissjonijiet finali taghhom (trattazzjoni) quddiem l-imsemmi magistrat. Gara, pero', li qabel ma' dik il-qorti, kif presjeduta, ghaddiet ghas-sentenza, il-magistrat sedenti gie mahtur imhallef tal-Qrati Superjuri. Il-kawza li allura kienet ghadha pendenti giet assenjata lill-magistrat iehor. Il-Qorti tal-Magistrati, presjeduta issa minn dan il-magistrat l-iehor, regghet semghet biss – fis-6 ta' April, 1998 – sottomissjonijiet finali min-naha tal-ufficjal prosekutur u tal-avukat difensur (jigifieri regghet saret dik li tissejjah it-trattazzjoni), u fl-1 ta' Gunju, 1998 ippronunzjat is-sentenza taghha. Fi kliem iehor, il-qorti li ppronunzjat is-sentenza qatt ma kienet semghet ix-xhieda jixhdu izda strahet fuq it-traskrizzjoni tad-diversi deposizzjonijiet, <u>inkluza d-deposizzjoni tal-istess imputat</u>. F'dan il-kaz l-ewwel qorti dan ma setghetx taghmlu.

Il-Qorti tal-Magistrati <u>bhala qorti ta' prim istanza</u> kienet obbligata li tisma' "fil-qorti u viva voce" (Art. 646(1) tal-Kap 9) ix-xhieda mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza. Dan isir sabiex il-gudikant – f'dan il-kaz il-magistrat li <u>jippronunzja s-sentenza</u> – jaghmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali, u, billi japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrisultawlu, jiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat. Wiehed mill-kriterji l-aktar importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konkluzjoni tieghu dwar x'jemmen jew x'ma jemminx minn dak li jghid xhud hu dak ta' "l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud" (Art. 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda. Biex dan il-kriterju jkun jista' jigi applikat hu evidenti li l-magistrat ghandu jisma' b'widnejh u jara b'ghajnejh lix-xhud jiddeponi. Naturalment il-ligi tipprovdi wkoll ghal certi eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke fil-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza, jista' joqghod fuq deposizzjonijiet migjuba bil-miktub, bhal, per ezempju, fil-kaz ta' certifikati ta' tobba akkumpanjati minn affidavit (Art. 646(7)). Pero' r-regola hi li l-gudikant tal-prim istanza <u>ghandu jisma' hu x-xhieda biex ikun verament f'posizzjoni li jaghti gudizzju skond il-ligi</u>. Il-posizzjoni hu differenti meta l-Qorti tal-Magistrati ma' tkunx qed tagixxi bhala qorti ta' prim istanza, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Istruttorja biex tiddeciedi biss jekk hemmx kaz ta' prima

facie skond l-Artikolu 401(2) tal-Kap 9, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Rimandanti fi proceduri ta' estradizzjoni".

Jidher ghalhekk li il-Qorti tal-Appell Kriminali waslet ghall-konkluzjoni li meta jkun hemm bdil fil-gudikant fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali iridu jergghu jinstemghu l-provi mill-gdid salv jekk ikun hemm l-ezenzjoni li jsir dan mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza. Il-Qorti tal-Appell Kriminali waslet ghal din il-konkluzjoni abbazi ta' dak li jistabbilixxi l-Artikolu 646(1) liema Artikolu jghid li l-Qorti ghandha tisma' viva voce x-xhieda mressqa kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni adoperata mill-Qorti tal-Appell Kriminali stante li l-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali isemmi li l-**Qorti** u mhux **il-gudikant** trid tisma' x-xhieda viva voce u fil-kaz odjern il-Qorti semghat ix-xhieda viva voce ta' SS. La l-Artikolu 646 u l-anqas l-Artikoli sussegwenti u jew antecedenti fil-Kodici Kriminali ma jindikaw li meta jkun hemm bdil fil-gudikant fl-istess Qorti fejn il-gudikant precedenti jkun sema' x-xhieda viva voce ghandha tigi skartata u ritenuta bhala mhux formanti parti mill-atti x-xhieda li tkun instemghat mill-istess Qorti meta presjeduta minn gudikant iehor. Din il-Qorti tifhem li f'kaz ta' bdil ta' gudikant fejn ma tkunx saret it-traskrizzjoni tax-xhieda jew fejn ma jkunx hemm in-notamenti relattivi tal-gudikant ghandhom jergghu jinstemghu x-xhieda mill-gdid, safejn dan huwa possibbli, izda ma taqbilx li meta jkun hemm it-traskrizzjoni tax-xhieda u meta l-gudikant li jkun ser jippronunzja s-sentenza jhoss li jista' jaghmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skond dak li jiddisponu l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali abbazi tat-traskrizzjoni tax-xhieda li tkun instemghat viva voce mill-istess Qorti izda kif presjeduta minn gudikant iehor, ghandha tigi skartata t-traskrizzjoni tax-xhieda ghaliex b'dan il-mod ikomplu jittawlu l-proceduri inutilment u bla bzonn u jfisser li jkun sar hafna xoghol ghalxejn. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ixekkel bil-bosta l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-Qorti jidrilha li mit-traskrizzjoni tax-xhieda, gudikant jista' jasal xorta' wahda ghal konkluzjonijiet tieghu dwar x'jemmen u x'ma jemminx u huwa biss f'dawk il-kazijiet fejn il-gudikant li jkun ser jippronunzja s-

sentenza wara li jkun qara t-traskrizzjonijiet ikollu dubji dwar x’setghat kienet l-imgieba tax-xhud li l-istess gudikant ghandu jitlob li tali xhud jerga’ jinstema’ minnu viva voce qabel ma jghaddi sabiex jippronunzja s-sentenza. Fil-kaz odjern din il-Qorti kif presjeduta wara li fliet ghal darba darbtejn mhux biss ix-xhieda moghtija mill-allegata vittma SS viva voce quddiem din il-Qorti izda anki x-xhieda minnha moghtija wkoll viva voce quddiem il-Magistrat Inkwirenti fejn hija kienet dejjem ko-erenti dwar il-fatti u xehdet estensivament u fid-dettall, tista tghid b’serenita’ li m’ghandha ebda diffikulta’ sabiex taghmel il-valutazzjoni ta din il-prova skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti izda tixtieq taghmel wkoll ampja referenza ghal bran iehor mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn intqal is-segwenti:-

“Fil-kaz in dizamina, il-magistrat li ppronunzja s-sentenza <u>ma’ sema’ xejn mill-provi</u>, izda qaghad esklussivament fuq dak li nstema’ minn magistrat iehor u gie traskritt. F’dan il-kaz ma’ kienx hemm il-problema li xi xhieda lahqu mietu jew hallew Malta jew ma’ setghux jinstabu, f’liema ipotesi wiehed seta’ japplika (anke b’analogija ghal dak li jirrigwarda x-xhieda li nstemghu mill-qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali) id-disposizzjoni tal-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646. Fil-kaz in dizamina in-nuqqas tal-magistrat li ppronunzja s-sentenza milli jisma’ l-provi viva voce jistultifika r-rwol ta’ din il-Qorti (cioe’ tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali) bhala qorti ta’ revizjoni: meta f’dan il-kaz kollox jiddependi fuq kwistjoni ta’ kredibbilita’, u specjalment fuq il-kredibbilita’ tal-istess imputat, din il-Qorti ma’ tistax tirrevedi l-operat tal-ewwel qorti biex tara jekk l-apprezzament maghmul minn dik il-qorti kienx wiehed ragjonevoli meta taf li l-gudikant fil-prim istanza qaghad biss fuq dak li kellu miktub quddiemu u li sema’ haddiehor.”

Fil-kaz odjern kif intqal aktar il-fuq l-allegata vittma telqet minn Malta wara li xehdet quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta u kif jirrizulta mill-atti processwali kien hemm diffikultajiet sabiex tigi rintraccjata u ma kinitx

disponibbli sabiex tirritorna Malta sabiex terga' tixhed mill-gdid f'dawn il-proceduri u ghalhekk abbazi ta' dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali tista' tigi applikata b'analogija d-disposizzjoni tal-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 646. Irid jigi precizat li fil-kaz odjern id-diffikulta' tal-ezenzjoni kienet tirrigwarda biss ix-xhieda tal-allegata vittma u mhux ix-xhieda l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni u barra minn hekk meta l-kaz kien tkompla jinstema' minn din il-Qorti kif presjeduta l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma jressaqx provi.

Din il-Qorti ghalhekk jidrilha li x-xhieda moghtija minn SS viva voce quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta waqt l-udjenza tat-30 t'Awwissu 2003 ghandha titqies bhala formanti parti minn dawn l-atti u ser tittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti bhala prova ghal finijiet ta' pronunzjament tas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Stabbilit dan il-punt procedurali l-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tikkunsidra u tiddetermina l-kaz fil-mertu. Kif intqal aktar il-fuq l-allegata vittma SS xehdet viva voce quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tat-30 t'Awwissu 2003 fejn hija spjegat li fit-28 t'Awwissu 2003 kienet qeghda Paceville mal-hbieb taghha u wara ftit il-hbieb telqu u hija baqghet wahidha. Hija tghid li ghall-habta tas-saghtejn u hamsa ta' filghodu kienet miexja wahidha f'post Paceville u ma kinitx f'posizzjoni tindika ezatt fejn kien meta rat taxi stand u semghat xi rgiel li kienu hemm jitkellmu warajha u hija imbaghad daret lejn il-lemin u nizlet in-nizla li taghti ghal McDonalds. Waqt li kienet miexja giet biswit taghha vettura taxi fejn is-sewwieq fetah il-bieba, qallilha li kien tielef il-lighter u staqsiha fejn riedet tmur. Hija qalet li peress li f'Munich fejn kienet tirrisjedi kien safe li mara wahidha tirkeb taxi hija thajret li tirkeb it-taxi sabiex tirritorna d-dar tal-host family fejn kienet qed tirrisjedi u meta t-taxi driver irrispondiha 'for free' u peress li f'Munich huwa normali li meta taxi driver jara mara miexja wahidha bil-lejl joffrilha lift bla hlas, hija rikbet fit-taxi li kienet ta' kulur abjad u tal-marka Mercedes. Hija qalet li talbet sigarett lid-driver u huwa qalilha li ma kellux lighter izda

qalilha wkoll li setghu jieqfu u jistaqsu lil xi hadd jislifhom lighter. Hija qalet li t-taxi driver beda' jsuq minghajr ma qabel staqsiha fejn riedet tmur u waqaf quddiem il-McDonalds sabiex jistaqsi xi nies jekk kellhomx lighter izda dawn ma kellhomx u huwa rega beda' jsuq. Hija mbaghad qalet li t-taxi driver beda' jsuq bi speed eccessiv mat-triq ta mal-bahar u hija ftakret li kienet rat swimming pool u xi nies jahdmu fit-triq u t-taxi driver waqaf hdejn dawn in-nies u talabhom lighter sabiex jixghel is-sigarett taghha u dawn tawh lighter u huwa beda' jitkellem maghhom bil-Malti izda hija tghid li ma fehmitx x'kien qed jintqal. SS spjegat li dak il-hin kienu waslu f'post fejn is-sewwieq kellu jdur sabiex imorru ghar-residenza taghha u hija fil-fatt qaltlu li kellu jdur minn hemm izda huwa beda' jinsisti maghha li ma setghux jghaddu minn fejn kienet indikatlu hi u qalilha li setghu ikomplu ipejpu s-sigarett u baqa' jsuq u hija f'dak il-mument bdiet tinkwieta ghaliex it-triq ma kinitx tas-soltu. Hija qalet li z-zewgt itwieqi ta' quddiem kienu miftuhin u xi rmied tas-sigarett taghha waqa' bejn saqajha u d-driver farfar dan l-irmied u ftit wara beda' jghidilha kemm kellu karozza sabiha li fiha kellu television u xeghel ir-radio u tefa' l-muzika fuq volum gholi, beda jghidilha li fis-sunshield kellu mera fejn mara setghat tirranga wiccha, li fuq wara tal-karozza kellu fridge u beda' jzid l-ispeed u hija bdiet tibza' u zzomm ghajnejha fuq it-triq. Hija qalet li f'hin minnhom hija harset lejn it-taxi driver u rat li kellu id wahda fuq l-isteering wheel u id ohra fuq il-parti genitali tieghu u kellu z-zip tal-qalziet imnizzel u hija xxukjat ruhha u ma kinitx taf x'ser taqbad taghmel u rragunat li ahjar tkompli titkellem mieghu qisu ma gara xejn. Hija qalet li huwa kien liebes qmis ta' kulur car imdahhla fil-qalziet li kien marbut b'cinturin. SS spjegat li f'Munich kienet attendiet laqgha ghaz-zghazagh fejn kien gie indikat lilhom x'ghandhom jaghmlu f'sitwazzjonijiet simili u kien ghalhekk li hadet l-attitudni li tibqa' kalma u tkompli titkellem mieghu. Hija qalet li f'hin minnhom id-driver hareg mazz flus u beda' jghoddhom u mbaghad qalilha bl-Ingliz li l-ghada setghat tixtri xi hwejjeg ta taht bihom u huwa qeghdhom fuq quddiem fil-karozza izda ma tahomlhiex. Hjia ma kinitx taf x'ser taqbad taghmel u ddecidiet li tibda tkellmu fuq il-flus u meta ghamlet hekk huwa hareg aktar flus u poggihom fl-istess post fejn kien

qieghed l-ewwel mazz flus. SS qalet ukoll illi f’hin minnhom hija bdiet tisghol u lid-driver qaltlu li kienet ma tiflahx u huwa hadha f’tip ta’ parking area li ma kinitx taf fejn kienet u qalilha li hemmhekk setghu ikomplu jpejpu s-sigarett bil-kwiet u waqqaf il-vettura. Fuq domanda li saritilha mill-Qorti jekk f’dak l-istadju hija nizlitx mill-vettura S irrispondiet li ghal-ewwel hija hasbet li d-driver kien ser jerga’ jsuq u peress li kienet imbezza’ ma kinitx taf x’kienet ser taghmel. Hija qalet li d-driver beda’ juriha kif is-seat tal-vettura seta’ jersaq lura u jitbaxxa u mbaghad hareg mill-vettura min-naha tieghu u hija staqsietu x’kien ser jaghmel u huwa rrisponda li kien ser jaghmel toilet. Hija qalet li d-driver gie hdejn il-bieba taghha u qaghad bil-qeghda fuq il-bicca ta’ taht il-bieba ihares lejha u peress li qabel huwa kien hareg il-flus hija hasbet li ried ikollu x’jaqsam maghha sesswalment. Huwa gibed xi tissues li kien hemm fil-vettura u li S tahseb li kienu diga uzati u tahomlha sabiex izommhom f’idejha u hija ndunat li kellu l-genitali esposti. Id-driver dahhal idejh ix-xellugija bejn saqajn S u taht il-qalziet ta’ taht taghha u dahhal xi zewgt iswaba fil-parti genitali taghha. F’dan il-hin huwa kellu jdejh l-ohra fuq il-parti genitali tieghu. Hija tghid li bdiet tibza’ hafna ghaliex ma kinitx taf x’kien ser jaghmel u bdiet tghidlu li riedet tmur id-dar ghaliex il-host family kienu jistennewha fis-2.00 a.m. u fuq l-arlogg tat-taxi setghat tara li l-hin kien is-2.20 a.m. Hija tghid li kienet ixxukjata hafna u bdiet tghid lid-driver li riedet tmur lura d-dar izda ma bdietx tghajjat u twerzaq ghaliex hasbet li din kienet l-ahjar soluzzjoni izda qalet li dan ma jfissirx li hija riedet li jigri dak li effettivament gara imma dehrilha li jekk tibqa’ kalma d-driver wara li jiehu l-gost tieghu kien iwassalha d-dar u ma jibqax jimmolestaha. Hija tghid li bdiet tinsisti li trid tmur lura d-dar u sabiex tehles mid-driver qaltlu li l-ghada setghu jiltaqghu sabiex huwa jehodha l-iskola tal-Ingliz f’Tas-Sliema u huwa qalilha li kien jaf fejn hi l-iskola u kien ser jehodha u qalilha wkoll li dak il-hin huma kienu Tas-Sliema u ma kienux ser idumu sabiex jaslu d-dar fejn kienet toqghod. S tghid li meta nizlet mill-vettura ppruvat tiehu n-numru tar-registrazzjoni tat-taxi izda s-sewwieq saq malajr u ma rnexxilhiex. Hija spjegat li malli dahlet fid-dar tal-host family ltaqghet ma tfajla li kienet ser issiefer u meta din it-tfajla ratha tibki staqsitha x’kien gara. S tghid li

dak il-hin kulhadd kien rieqed fid-dar u ma qajmet lil hadd izda l-ghada filghodu meta marret l-iskola kellmet lil Claudia wahda mill-activity leaders tal-iskola li kienet titkellem bil-Germaniz u din tal-ahhar staqsitha jekk riditx tmur ghand il-Pulizija u hija rrispondiet fl-affermattiv. S qalet li Claudia tkellmet ma xi nies ohra li kienu jafu min kien is-sewwieq tat-taxi u dawn ghaddew l-informazzjoni lil Pulizija. SS gharfet lill-imputat bhala s-sewwieq tat-taxi li kienet qed taghmel referenza ghalih fix-xhieda taghha. In kontro-ezami S ikkonfermat li ma kinitx vergni u li gieli kelha relazzjonijiet sesswali. Hija qalet ukoll li ma tiftakarx jekk il-bibien tal-vettura kienux imsakkrin izda qalet ukoll li fl-ebda hin ma ppruvat tohrog mill-vettura u ma rnexxilhiex ghaliex il-bieb kien imsakkar. Hija qalet ukoll li hija u l-habiba taghha kienu xorbu bejnithom flixkun inbid li haltuh mal-fruit juice u li hija kienet imdorrija tixrob aktar minn hekk. Hija qalet ukoll li kellha travel insurance izda ma kinitx koperta ghal incidenti bhal dak li gralha u li rrapurtat il-Pulizija dwaru u l-insurance kienet tkopriha biss ghal telf ta' bagalji u mard.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur f'dan il-kaz is-Supretendent Sharon Tanti[4] jirrizulta li l-Pulizija waslet ghall-identita' tal-imputat wara li kienet irceviet ir-rapport maghmul minn SS ghaliex tkellmet ma' Alexandra Goldhammer li nzertat ukoll kienet tahdem fl-ILS l-iskola tal-Ingliz li fiha kienet tattendi S. Din Goldhammer irrakkuntat lil Pulizija li kellha esperjenza simili ghal dik ta' S fejn kienet rikbet f'taxi fejn ix-xufier kien qaghad jaghtiha deskrizzjoni tal-accessories li kellu fit-taxi u d-deskrizzjoni tax-xufier kienet simili ghal dik indikata minn S. Din Goldhammer kienet ghaddiet lil Pulizija card li kien ghaddilha x-xufier stess fejn kien hemm indikat mobile number u l-isem Antonio u l-Pulizija waslet ghall-imputat b'dan il-mod. Din Alexandra Goldhammer xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-13 ta' Frar 2004 fejn spjegat li meta S kienet irrakkuntat x'gara hija kienet

[4] Li xehdet waqt l-udjenza tad-19 ta' Settembru 2003 u t-traskrizzjoni tax-xhieda relattiva tinsab inserita a fol. 58 sa 63 tal-atti processwali.

immedjatament waslet ghall-konkluzjoni li t-taxi driver kien l-istess wiehed li kien avvicina lilha xi xhur qabel u dan ghaliex mhux biss it-taxi kienet wahda bajda u gdida u d-deskrizzjoni tax-xufier kienet simili hafna izda l-mod u l-kliem li kien uza x-xufier meta avvicina lilha kien kwazi identiku ghal dak adoperat meta avicina lil S. Goldhammer irakkuntat li lejn l-ahhar ta’ Mejju 2003 hija kienet qed tistenna karozza tal-linja fuq il-bus stop li hemm faccata ta’ McDonalds u l-bus damet hafna ma giet u kien hemm xufier tat-taxi li kien qieghed parkeggjat hdejn il-bus stop u huwa beda jistaqsiha hafna mistoqsijiet u jghidilha li l-bus ma kinitx ser tigi ghaliex kien hemm accident. Goldhammer qalet li dan ix-xufier beda’ jdejjaqha jaghmel dawk il-mistoqsijiet kollha u hija kienet anzjuza ghaliex kellha appuntament li ma xtaqitx tasal tard ghalih u hija kienet ser titlaq bil-mixi izda x-xufier tat-taxi qalilha li seta’ iwassalha ghal-appuntament minghajr hlas. Hija qalet li peress li l-hin kien f’nofs il-gurnata u kienet iddisprata sabiex tasal fil-hin u x-xufier ma deherx fi kliemha ‘scary’ accettat l-offerta. Hija qalet illi malli rikbet fil-vettura huwa beda’ jghidilha kemm kellu accessorji fit-taxi u li anki champagne kien izomm u qalilha sabiex imorru jieklu flimkien. Hija qalet li dan l-atteggjament beda’ idejjaqha u qaltlu li kienet tghix San Giljan mal-boyfriend taghha u qaltlu wkoll li huwa kien mizzewweg izda dan irrispondiha li ma kienx u li qabel kien jghix ma tfajla Russa sabiha bhalha izda din kienet iggennet ghaliex ma kinitx tiekol. Goldhammer qalet li x-xufier tat-taxi kien waqqafha fil-bidu ta’ Bisazza Street u kien taha l-card tieghu halli jekk jerga’ jibdilha dwar l-ikla iccempillu. Goldhammer qalet li ghal xi raguni hija kienet zammet il-card fil-wallet taghha u meta Claudia Sehrke irrakkuntatilha x’kien gralha SS hija mill-ewwel ftakret fl-incident li kien gralha f’Mejju u sabet il-card u ghadditha lil Pulizija. Meta xehdet waqt l-Inkjesta Goldhammer identifikat lill-imputat f’ritratt lilha muri mil-Pulizija bhala x-xufier tat-taxi li kienet qed tirreferi ghalih u meta xehdet viva voce f’dawn il-proceduri hija identifikat lill-imputat bhala l-istess persuna.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga' ntqal aktar il-fuq l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri. Fid-29 u fit-30 t'Awwissu 2003 huwa rrilaxxja stqarrija[5] izda ghar-ragunijiet sottomessi mid-Difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha u in linea mal-izviluppi kostituzzjonali recenti u cioe' stante li l-imputat ma nghatax il-fakulta' li jikkonsulta ma avukat qabel ma rrilaxxja din l-istqarrija, l-Qorti mhux ser tiehu in konsiderazzjoni dak li qal l-istess imputat f'din l-istqarrija.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa kemm ix-xhieda li tat SS viva voce quddiem din il-Qorti kif ukoll ix-xhieda minnha moghtija quddiem il-Magistrat Inkwirenti ma ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' ta' din ix-xhud mhux biss ghaliex din dejjem kienet ko-erenti fil-verzjonijiet li tat lill-Pulizija, lil Magistrat Inkwirenti, lil din il-Qorti u lil co-ordinators tal-iskola izda anki ghaliex dak li qalet dwar il-metodu tal-aprocju tal-imputat gie korroborat minn Alexandra Goldhammer. Inoltre t-tissues li semmiet S li hija qalet kienu qishom kitchen towels instabu fil-vettura tal-imputat meta saret id-debita tfittxija mill-Pulizija. Inoltre mir-rapport tal-espert serologista Robert Cardona[6] jirrizulta li minn ezamijiet forensici li saru fuq l-underwear ta' SS irrizulta s-segwenti:-

"Illi saru l-analizi u l-osservazzjonijiet fuq il-kampjuni u esebiti 03 CCU 300 vaginal wash out, 03 CCU 301 low vaginal swab, 03 CCU 302 high vaginal swab, 03 CCU 303 vulval swab, 03 CCU 304 kampjun ta' demm, 03 CCU 305 qalziet ta' taht, u 03 CCU 306 dublett qasir abjad, mghoddija lill-esponent Robert A. Cardona, minghand il-Gynaecologist Dr. Mark Sant, fl-isptar San Luqa, nhar it-28 t'Awwissu, 2003.

Illi, saru l-analizi u l-osservazzjonijiet fuq l-esebit 03 CCU 201 xugaman ta' lewn ikkulurit elevat minn fuq is-seat tax-xufier, mghoddi lill-esponent Robert A. Cardona minghand

[5] Inserita a fol.  64 sa 70 tal-atti processwali.
[6] Rapport relattiv inserit a fol. 32 sa 57 tal-atti processwali.

is-Scene of the Crime Officer PC 1525 Patrick Farrugia, nhar l-1 ta' Settembru, 2003.

Illi, saru l-analizi ghal grupp ta' demm fuq il-kampjun 03 CCU 310 kampjun ta' demm ta' Anthony Rizzo, liema kampjun ittiehed mill-esponent Robert A. Cardona nhar id-29 t'Awwissu, 2003.

Illi, minn l-analizi fuq il-kampjuni 03 CCU 300, 03 CCU 301, 03 CCU 302 u 03 CCU 303, inghata rizultat negattiv ghal prezenza ta' semene, ta' spermatozoa u kif ukoll ta' demm.

Illi, minn l-analizi fuq l-esebit 03 CCU 305 inghata rizultat negattiv ghal prezenza ta' demm, izda rizultat pozittiv ghal prezenza ta' acid phosphatise, li hu komponent ewlieni tas-semene. Minn analizi aktar iddettaljata ghal grupp ta' demm mis-semene, inghata rizultat ta' demm Grupp A.

Illi, inghata rizultat negattiv kemm ghal prezenza ta' demm u kif ukoll ghal prezenza ta' acid phosphatise (li hu komponent ewlieni tas-semene) fuq l-esebit 03 CCU 306.

Illi, mill-analizi ghal grupp ta' demm fuq il-kampjuni 03 CCU 304 kampjun ta' demm ta' SS u 03 CCU 310 kampjun ta' demm ta' Anthony Rizzo, inghataw dawn ir-rizultati;

03 CCU 304 kampjun ta' demm ta' SS
0 Rhesus Positive

03 CCU 310 kampjun ta' demm ta' Anthony Rizzo
A Rhesus Positive".

Il-Qorti jidrilha li dawn ir-rizultati forensici ikomplu jikkorroboraw il-verzjoni tal-fatti moghtija minn SS.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti jidrilha li permezz tal-imsemmija xhieda ta' SS il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tal-imputat salv ghall-imputazzjoni ta'

korruzzjoni ta' minorenni u cioe' r-reat kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti fil-fatt jidrilha li mix-xhieda ta' SS jirrizulta li l-imputat zamm lil S milli titlaq mit-taxi ghaliex meta hija bdiet tindikalu li riedet tmur immedjatament id-dar tal-host family taghha huwa ma hadhiex lura izda zamma fil-post imwarrab fejn kien hadha hu u li hi ma kinitx taf fejn kien u dan bl-iskop li jgieghlha taghmel xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha. S telghat fit-taxi tal-imputat ghaliex huwa qalilha li kien ser iwassalha d-dar tal-host family izda huwa minflok hadha d-dar hadha f'post imwarrab minn fejn ma kinitx taf titlaq wahidha ghal skopijiet tieghu u irid jinghad li mix-xhieda ta' S jirrizulta li hija mal-ewwel indikatlu li huwa kellu jaqbad triq ohra minn dik li kien qabad hu izda huwa beda' jghidilha li ma setghax jghaddi minn fejn kienet qed tindikalu hi. Il-Qorti jidrilha wkoll li kemm ir-reat tal-attentat vjolenti ghall-pudur kif ukoll ir-reat tal-offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku jirrizultaw pruvati minghajr ombra ta' dubju mix-xhieda ta' SS. Il-Qorti izda jidrilha li tenut kont li mix-xhieda tal-istess SS jirrizulta li hija kienet kwazi maggorenni ghaliex kellha sbatax il-sena u tenut kont tal-fatt li mir-risposti li hija tat meta xehdet in kontro-ezami rrizulta li hija diga' kellha esperjenzi sesswali fil-passat, ma jistghax jitqies li rrizulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li sehh ir-reat ipotizzat fl-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li r-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati sehhew fuq minorenni, f'post espost ghall-pubbliku u minn persuna li l-vittma, tfajla barranija li giet hawn Malta sabiex titghallem l-Ingliz, fdat sabiex iwassalha d-dar, u l-Qorti jidrilha li ma jaghmilx gid lis-socjeta' li jkun hawn persuni fit-triq li jinghataw il-licenzji sabiex joperaw taxi li jabbuzaw minn din il-posizzjoni sabiex iwettqu atti simili fuq tfajliet minorenni li jigu hawn Malta sabiex jistudjaw l-Ingliz. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li tenut kont tal-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-1 ta' Novembru 2004 u senjatament l-Artikoli 86, 87, 207, 209 u 17 tal-

Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sittax (16) il-xahar prigunerija. l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' disa' mija u hdax-il ewro u erbgha u erbghin centezmu (€911.44) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem, il-vittma SS fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------